IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru11 (ħdax) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**11.1. Item Nru 11.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

11.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.50pm u s-Segretarju Eżekuttiv qal li kien infurmat mis-Sa. Rosabelle Pulis li ser tiġi ftit tard.

**11.2. Item Nru. 11.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

11.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**11.3 Item Nru. 11.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR11160 – Malta
Tel: 216911269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

11.3.1 Is-Sindku s-Sur Neil Attard tkellem dwar id-decking u qal li wara li l-Kunsill qabel li l-applikazzjoni tibqa għaddejja bil-kundizzjonijiet tal-kunsill ukoll, kellha issir laqgħa mas-Sur Kevin Borg mil-MTA pero ġiet posposta għal ġurnata oħra.

11.3.2 Is-Sur Attard qal li bħal ma kulħadd jaf fix-Xgħajra hawn applikazzjoni biex jinbnew
3 torrijiet ta' 15 il-sular in-naħa ta' Wied Glavan u il-Kunsill tkellem mal-Perit sabiex tinħareġ oġġezzjoni uffiċjali mil-Kunsill. Kulħadd qabel ma' din l-oġġezzjoni.

Is-Sa. Rosabelle Pulis daħlet għal-laqgħa fis-5.58pm.

11.3.3 Is-Sindku qal li dwar il-cameras tal-bandli ġibna stimi u ser tintgħażel tal-Alarmtech biex jinbidel id-DVR u il-cameras.

11.3.4 Is-Sur Attard qal li l-proġett tad-dressing rooms kompla u ġabu blokki ġodda għaliex il-blokki li għandna mhux tajbin.

11.3.5 Is-Sindku qal li għandna talba li inċaqilqu l-*bus stop* ta' Triq l-Ispnott jinżel aktar l-isfel, eżattament fejn kien hem il-Bring in sites qabel. Is-Segretarju qal li ser jibgħat lil Ivan Pierre Vella bit-talba. Il-Kunsill qabel u sar ftehim li nitkellmu ma sid l-art ta' fejn ser tigi l-*bus stop* sabiex naraw nistgħux nagħmlu wkoll *bus shelter.*

Is-Sindku qal ukoll li għandna bżonn nirranġaw il-bus shelters eżistenti. Is-Segretarju qal li ser niċċekkjaw mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex naraw f'hiex wasal il-każ mal-FACES.

11.3.6 Is-Sur Attard qal li bħalissa qed nilqgħu stimi ta' tindif u livellar ta' Trejqet il-Villeġġanti. L-istima ser tkun qed tinkludi tindif tal-ħaxix u skart u materjal u jintefa materjal u xogħol bir-romblu. Sal-laqgħa li jmiss ser ikollna l-istimi u naġġudikawhom.

11.3.7 Is-Sindku qal li dwar il-jogging track il-Kunsill tkellem mal-Perit u qed jaħdem fuq il-livelli. Il-Perit għad irid itina l-go ahead sabiex inkunu nistgħu noħorġu t-tender kif miftiehem mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Clifton Grima sal-aħħar tas-sena.

Il-Kunsill qabel li nibgħatu reminder lil Perit sabiex ma nħallux għall-aħħar.

11.3.8 Is-Sindku qal li irċevejna l-pjanti mingħand il-Perit Buhagiar tal-progett Sports Complex fejn tlabnieh jagħmel disinn li jinkludi indoor pool kif ukoll pitch tal-Boċċi.

Il-Pjanti jidru li mhux kif tlabnih aħna għalhekk il-Kunsill jixtieq jitlob laqgħa miegħu sabiex jispjegaha fid-dettall u jekk hemm xi tibdiliet li nixtiequ nagħmlu ngħiduhomlu.

11.3.9 Is-Sindku qal li llum kellna l-interviews tal-librara u l-bord flimkien ma' Margaret Zammit minn Malta Libraries iddeċieda li tintgħażel Is-Sinjorina Naomi Cutajar. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u ser nipproċedu.

11.3.10 Is-Sindku qal li kellna bżonn inġibu stimi ta' software tal-Account u ta l-kelma lis-Segretarju biex jispjega. Is-Segretarju qal li ġejna mitlubin biex ikollna sistema ta' Sage Line 50 jew Evolution verzjoni ta' 21 jew aħjar. Dan biex inkunu nistgħu nagħmlu migration tal-Accounts online. Il-Kunsill fil-preżent għandu l-verżjoni 19 u għalhekk kellu jġib stimi ta' sage aktar modern li bħalissa wasal sa version 26. Għalhekk wara li l-Kunsill evalwa l-istimi qabel li tintgħażel l-irħas waħda.

11.3.11 Is-Sindku qal li t-tiżjin tal-Milied ser jerġa isir minn l-istess persuna tas-snin l-oħra peress li dak li aċċettajna l-istima tiegħu fil-laqgħa li għaddiet ħassar minħabba impenji oħra.

**11.4 Item Nru 11.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

11.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk jistgħux isiru sinjali mal-art tal-parkeġġ fi Triq it-Tumbrell. Dan wara li ilmentaw xi nies minn l-istess triq. Is-Sindku qal li jistgħu isiru is-sinjali double line tal-1m ma' kull garaxx isfar u imbgħad il-kumplament isiru sinjali bojod maqtugħin li jindikaw li tista tipparkja.

11.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet fuq il-ħadid tax-xatt meta ser isir. Is-Sindku qal li bgħat email lil Ministru l-Onor. Ian Borg u dan wieġbu lura li ser tissejjaħ laqgħa ma' min jaħseb li jista jagħti kontribut.

11.4.3 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk għandnix xi aġġornament fuq ir-raised crossing ta' Dawret ix-Xatt. Is-Segretarju qal li ħa nerġgħu nibgħatu lil Infrastructure Malta biex naraw għaliex qed idumu daqshekk.

11.4.4 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa fuq fejn wasalna dwar it-tenders tas-sigar, tal-ħitan tas-sejjiegħ u s-sejħa tal-contracts manager. Is-Segretarju qal li dwar it-tender tas-siġar il-Kunsill irċieva waħda biss u qabżet il-budget b'erbgħa darbiet. It-tender tal-ħitan tas-sejjiegħ ser jibgħat lil Perit Bezzina il-Boqs li tlabna sabiex inkunu ċerti li hemm kollox kif suppost. U dwar is-sejħa tal-Contracts manager is-Segretarju qal li

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR11160 – Malta
Tel: 216911269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

ser jibgħat talba ta’ gwida lid-DLG sabiex naraw tista tinħareġ quotations peress li l-ammont huwa żgħir fil-każ tax-Xgħajra.

Fuq din is-sejħa tal-aħħar il-Kunsill qabel li fis-sejħa apparti r-rwol ta’ Contracts’ Manager il-persuna magħżula ser ikollha wkoll taqdi  dmirijiet ta’ Project manager speċjalment fuq proġetti tal-EU.

11.4.5 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk nistgħux intellgħu sessjonijiet ta’ Primary Health Care. Dan wara li tkellmet mal-Principal tal-Primary Health Care u qaltilha li hemm ħafna suġġetti edukattivi li wieħed jista jitkellem dwarhom kull ma rridu nsibu huwa post fejn isiru.

Il-Kunsill qabel li jibdew isiru fic-Centru Civiku u jekk il-post ma jkunx biżżejjed is-Sur Raymond Camilleri qal li l-Klabb tal-Futbol lesti li jisilfu is-sala tagħhom kull meta jkun hemm bżonn.

11.4.6 Is-Sinjura Borg staqsiet fuq il-problema ta’ qabel tidħol fi Sqaq ta’ Alessi. Is-Segretajru qal li l-ħaddiema assenjati irranġawha. Is-Sa. Borg qalet li pero hemm biċċa nieqsa u għalhekk is-Segretarju wiegħed li ser imur fuq il-post jiċċekkja u ser titkompla.

11.4.7 Is-Sa. Borg staqsiet jekk tistas tiġi rranġata ħofra fi Triq Karmelo Ritchie quddiem id-dar Redentur. Is-Segretarju qal li ser issir it-tiswija meħtieġa kif ikollna aktar tarmac.

11.4.8 Is-Sinjura Borg qalet li l-klassijiet li qed isiru tal-privat qed ikunu ta’ suċċess u l-parteċipazzjoni dejjem qed tiżdied. Bħal ma kulħadd jaf qalet li kien hemm problema ma’ ta’ fuq il-Librerija li qed ikun hemm storbju żejjed u dan mhux minnu. Apparti hekk il-permess li għandu l-Kunsill fuq dawn il-premises huma ta’ Ċentru Ċiviku li jistgħu isiru fih lezzjonijiet.

Is-Sa. Borg staqsiet ukoll jekk jistax jinxtraw żewġ computers u printer għal dan iċ-ċentru. Il-Kunsill qabel li inġibu stimi għalihom.

11.4.9 Is-Sur Anthony Valvo staqsa jekk tkellimniex mar-residenti ta’ Triq iċ-Ċern wara li kellna l-aġġornament bid-deċiżjoni mit-Traffic Management unit ta’ Transport Malta is-Sur Andrew Haig. Is-Sindku qal li tkellem ma’ xi residenti diġa.

11.4.10 Is-Sur Valvo staqsa jekk jistax isir xogħol ta’ restawr fuq il-gate tal-Kunsill għaliex qiegħed f’riskju li jaqa’ fuq xi ħadd. Is-Segretarju qal li ser ifittex stimi ta’ restawraturi.

IX-XGĦAJRA

11.4.11 Is-Sur Valvo staqsa jekk iltqajniex mal-GSL tal-iscouts tax-Xgħajra għaliex talbu għal xi tip ta' għajnuna. Is-Sur Raymond Camilleri qal li hu diġa talbu biex jiltaqgħu pero għadhom ma jistawx isibu ġurnata li jistgħu it-tnejn li huma.

11.4.12 Is-Sur Valvo staqsa fuq il-problema li kien hemm tal-MC bay fi Triq San Ġakbu. Il-Kunsill qabel li l-ordni tingħata lill-Koptasin minħabba li għandna l-permess tal-Transport Malta.

**11.5 Item Nru. 11.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

11.5.1 Is-Segretarju ippreżenta r-rapporti finanzjarji tat-tielet kwart u tas-sena u ġie approvati.

**11.6 Item Nru. 11.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

11.6.1 Ix-Xogħol kien kollu mitkellek fil-punti preċedenti.

**11.7 Item Nru. 11.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

11.7.1 Pagamenti b'numru 87 ġew approvati unanimament.

**11.8 Item Nru. 11.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

11.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**11.9 Item Nru. 11.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

11.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.55pm

Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru, 2019 fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| _______________________ | _______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |